**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Rikors Guramentat numru : 107/16 AL

**A B** detentrici tal-karta tal-identita' numerata 563286M

*-vs-*

Avukat Dr Yanika Bugeja u l-PL Veronica Rossignaud gew nominati Kuraturi Deputati b'digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2016 biex jirrapprezentaw lill-assenti C B detentur tal-passaport Amerikan bin-numru 501867975

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ir-rikorrenti izzewget fir-Registru Pubbliku ta' Malta lill-intimat assenti C B (certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dokument 'A').

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

4. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa null, invalidu u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 [Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta] li Jirregola z-Zwiegijiet, u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu xierqa u opportuni f'dan ir-rigward.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yanika Bugeja u il-PL Veronica Rossignaud, li permezz taghha eccepew : fol. 17

Illi l-esponenti gew notifikati ricentement bir-rikors guramentat numru 107/16 fl-ismijiet premessi;

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti;

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-esponenti jirrizervaw d-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba ikun hemm il-htiega;

Bl-ispejjez :

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Yanika Bugeja u il-PL Veronica Rossignaud;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavit tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut assenti, li ġie kkontrattat fl-4 ta' Lulju 2013[1], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

Kull referenza għall-"konvenut" f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenut assenti u mhux għall-kuraturi li debitament jirrappreżentawh fl-assenza tiegħu.

## PROVI

Ir-**rikorrenti** xehdet bil-proċedura tal-affidavit[3] fejn hija spjegat kif kienet bdiet tikkomunika mal-konvenut assenti C B f'Novembru 2012, fuq is-sit ta' Facebook. Kienet għaddejja minn perjodu diffiċli fejn kienet għadha kif ħarġet minn relazzjoni twila u kienet qed tħossha komda titkellem mal-konvenut. Il-komunikazzjoni bejniethom żdiedet u bdew iċemplu lil xulxin u jqattgħu sigħat twal bil-lejl *video chatting*. Kienu bdew jiddiskutu flimkien il-possibilta` ta' futur flimkien u l-konvenut xtaq illi jiġi hawn Malta u jibnu familja flimkien. Fil-fatt huwa wasal hawn Malta fl-4 t'April 2013. L-attriċi kienet kuntenta ħafna u ħerqana biex C jasal Malta.

---

[1] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv esebit fol. 3

[2] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

[3] Fol. 46 tal-proċess

Fil-bidu kienu jgħixu ma' missier l-attriċi iżda wara ftit marru jgħixu fl-appartament tal-attriċi li kienet lestiet. Fl-appartament, ir-rutina tal-attriċi kienet pjuttost iebsa biex tlaħħaq tlesti lil bintha għall-iskola, u twassalha, u tmur għax-xogħol hija wkoll. Min-naħa tiegħu il-konvenut assenti kien iqatta' l-ġranet jara t-televixin, jitkellem onlajn mal-ħbieb tiegħu u jilgħab fuq l-XBOX. Il-flus tal-konvenut malajr spiċċaw u għalhekk l-attriċi spiċċat tmantnih u tipprova ġġemma wkoll sabiex ikunu jistgħu jsiefru. Fil-fatt marru Sevilla ġewwa Spanja. F'Mejju, C ipproponielha b'ċurkett li kienu xtraw flimkien. Beda jippanikja biex jiżżewġu għaliex kienet ser tiskadilu l-Viża ta' 90 jum. Iżżewġu fl-4 ta' Lulju 2013 fir-Reġistru Pubbliku u wara ċċelebraw b'festin fid-dar t'oħtha.

Wara ftit xhur, C beda jidher ferm kwiet u l-attriċi bdiet tinkwieta li qed jimmissja l-familja, iżda hi ma kellhiex flus biżżejjed għal btala ġewwa l-Amerika. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar beda jsir kwiet u jinjoraha, għalhekk bdiet tħossha diżappuntata u mdejqa. Anke meta tkellmu dwar xi ħaġa importanti, kien jinjoraha. Il-konvenut kien ukoll imdejjaq għax dam biex isib xogħol, iżda anke meta sab ix-xogħol ma kienx kuntent. Fid-dar, l-attriċi kienet tagħmel kollox weħidha u ma kienx jgħinha, jekk tistaqsih għal xi ħaġa qisha qed titlob xi ħaġa kbira. Barra minn hekk, il-konvenut qatt ma pprova jibni rapport ma bint l-attriċi u qatt ma kien qed jagħtiha ftit attenzjoni.

L-attriċi bdiet tissuspetta li l-konvenut kien qiegħed ikellem mara oħra fuq il-mobajl, iżda huwa nnega kollox. Fi Frar 2015, ibbukkjat btala oħra biex forsi tara lil C ftit kuntent. Fil-fatt, waqt il-btala ħadu gost ħafna, iżda wara ftit ġranet huwa reġa' kien dipressat.

Ġimgħa qabel l-1 t'April 2015, huwa mar ħdejha u qalilha li ser imur lura l-Amerika u mhux ser jiġi lura Malta. Kien diġa qata' biljett *one way* għall-1 t'April 2015. L-attriċi ma setgħetx temmen li wara l-wegħdi tiegħu u wara li kienet tagħtu dak kollu li setgħet sabiex tarah kuntent, ma kien apprezza xejn. Min-naħa tiegħu C kien offrielha, li meta trid setgħet tmur tgħix l-Amerka, meta hu kien ben konsapevoli li ma kinitx lesta li tabbanduna l-familja tagħha u lanqas toħroġ lil bintha minn skola tajba biex tmur l-Amerika. Effettivament huwa telaq minn Malta u qata' kull kuntatt magħha, għajr illi fit-8 ta'Ġunju 2015

ċemplilha u kien informaha li hu kien baqa' għaddej bil-ħajja tiegħu u li hija kellha tagħmel bħalu.

Xehed ukoll missier l-attriċi, **Lewis Vella**[4], fejn spjega li bintu kienet għaddejja minn żmien ħażin wara li kienet temmet relazzjoni twila. Hija bdiet tikkomunika ma' persuna mill-Amerika u reġa beda jaraha kuntenta. Għadda ftit taż-żmien u qaltlu li kien ser jiġi Malta u talbitu jekk jistax joqgħod magħhom sakemm hija tirranġa r-residenza tagħha. Sakemm kien jgħix miegħu, dan C ma kien jagħmel xejn għajr li jilgħab fuq il-kompjuter u bil-*playstation*. Wara ftit taż-żmien ieħor, A informatu li kienu ser jiżżewġu. Ix-xhud ma kienx tal-opinjoni li bintu kienet qed tagħmel pass tajjeb, peress li l-partijiet kien ilhom jafu lil xulxin ftit wisq u lilha qalilha b'dan, iżda hija xorta waħda riedet tagħmel ta' rasha għax ħassitha kuntenta. Ix-xhud kellem ukoll lill-konvenut u staqsieh jekk kienx ċert li jrid jibqa' jgħix hawn Malta u jsib impjieg, fejn dana wieġeb fl-affermattiv. Jiddeskrivi kif dan C kien *penniless* u lanqas kien jaffordja jmur għand dentist. Kien ix-xhud li ħallaslu wkoll biex jagħmel kors ta' security guard. Il-konvenut kien jidher li ma jridx jaħdem. Kien kompletament passiv u ma jagħmel xejn fid-dar, il-ħin kollu moħħu fil-mobajl.

Xehdet ukoll il-ħabiba tal-qalb tal-attriċi, **Victoria Jameson**[5], fejn hija spjegat kemm kienet ferħana l-attriċi meta bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut, u daqstant ieħor kienet imdejqa wara ftit li żżewġu. Kienet dejjem id-dar issajjar, tnaddaf u tieħu ħsieb lil bintha u lil C u tara li ma jkun jonqsu assolutament xejn, sabiex huwa jkun kuntent hawn Malta. L-attriċi kienet fetħet qalbha max-xhud u qaltilha li ma kinitx qed tiġi apprezzata. Qaltilha wkoll li anke meta kien jaħdem, il-konvenut ma kien jikkontribwixxi xejn għall-familja, anzi kien jitlobha l-flus. F'qasir żmien li telaq minn Malta, A saret taf li kien diġa qiegħed jiffrekwenta mara oħra.

Oħt l-attriċi **Valerie Vella Hammett**[6], spjegat kif wara ż-żwieġ m'oħtha C beda juri karattru ieħor. Kien distanti u ma jipprovax jidħol f'konverżazzjoni magħhom. Ma jagħmel ebda sforz biex jintegra, il-ħin kollu moħħu fil-mobajl. Ma kellux ħeġġa biex jibni ħajja ġdida

---

[4] Affidavit fol. 51
[5] Affidavit fol. 56
[6] Affidavit fol. 57

hawn Malta għalih u għall-familja tiegħu. Minkejja li ma kienx kuntent fuq il-post tax-xogħol, ma pprovax isib impjieg ieħor. Qatt m'offra li jkun t'għajnuna fid-dar. Taf li telaq minn Malta fl-1 t'April 2015 u qatt ma reġa rritorna.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn iż-żewġ artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu 19(1)(d).

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u rresponsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess

matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[7]

Kif jispjega l-awtur Bersini *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[8]

L-awtur Pompedda jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un*

---

[7] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

[8] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

*comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[9]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [10]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[11]

---

[9] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[10] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

[11] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(f)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha u tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[12]**,** *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[13]

Illi taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[14]

[12] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

[13] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

[14] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[15] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[16]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[17], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[18] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[19] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-

---

[15] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[16] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[17] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[18] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[19] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994

kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[20] u Aquilina vs. Aquilina[21].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[22] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu*....*Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Jirriżulta mill-provi prodotti illi l-partijiet iżżewġu bil-għaġġla u mingħajr wisq ħsieb ta' dak li kienu deħlin għalih. F'inqas minn sitt xhur dawna għaddew mill-fażi kollha tar-relazzjoni u cioe l-konverżazzjonijiet bl-internet, it-telefonati, *video chatting*, għall-għerusija u ż-żwieġ.

---

[20] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[21] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[22] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

Min-naħa tagħha, l-attriċi kienet għadha kemm temmet relazzjoni twila u għalhekk ħassitha ferm tajba li reġgħet kienet f'relazzjoni ġdida. Fil-bidu, l-konvenut kien jagħtiha l-attenzjoni li hija xtaqet iżda kienet nieqsa minnha u għalhekk kienet ferħana. Fil-fehma tal-Qorti, kienet tassew għamja għall-verita ta' madwarha u għaġġlet wisq. Ressqet għaż-żwieġ mingħajr ma kienet taf lill-konvenut tassew u iktar biex ma terġax tkun weħidha milli għax kien hemm imħabba u rispett reċiproku bejn il-partijiet. Minkejja dak kollu hija għarfet l-obbligi tagħha bħala miżżewġa u assumiethom, inkluż il-piż finanzjarju, *to the bitter end*.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut approffitta ruħu sewwa mill-vulnerabbilta` tal-attriċi. Użaha għal sentejn biex ikollu akkomodazzjoni b'xejn, ikel, safar u mara tieħu ħsiebu u taqdih mill-aħjar. Min-naħa tiegħu qatt ma ħa ħsieb jikkontribwixxi xejn lejn il-familja, la materjalment u lanqas emozzjonalment. Huwa ddistakka ruħu mill-attriċi fis-sens li meta tkellmu jinjoraha u għalhekk ma baqax jagħtiha l-attenzjoni. Lanqas ma pprova jibni relazzjoni ma' bintha. Ma mpenjax ruħu biex jissetilja hawn Malta u jkun kuntent anke permezz ta' xogħol għal qalbu. Kien għal kollox passiv u għalhekk il-ħajja miżżewġa vera ma setgħetx teżisti bejn il-partijiet anke jekk legalment miżżewġin. Il-kunċett ta' komunjoni tal-ħajja u cioe tal-ħajja flimkien u kondiviza bejn mara u raġel kien għal kollox assenti mill-ideat tal-konvenut dwar l-obbligi taż-żwieġ. Kienet il-mara biss li qiegħda taħdem u tirsisti f'dan iż-żwieġ, mhux biss f'dak li huwa materjali, iżda anke f'dak li jirrigwarda il-lat emottiv – ir-relazzjoni tagħhom bħala koppja; u l-lat prattiku - l-għixien u r-rutina ta' kuljum. Anke l-leġġerezza li biha huwa qabad u telaq minn Malta mingħajr konsiderazzjoni tal-emozzjonijiet u x-xewqat tal-attriċi, u f'qasir żmien kien f'relazzjoni ma' mara oħra, hija ndikazzjoni ċara tan-nuqqas ta' fehma tiegħu dwar l-obbligi mnissla miż-żwieġ. Jidher ċar li r-rabta taż-żwieġ ma tfisser xejn għall-konvenut.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi rnexxielha tipprova, mingħajr lok ta' dubju fil-moħħ tal-ġudikant, illi l-konvenut ma kienx kapaċi jerfa' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa; illi l-kunsens tal-konvenut assenti kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement in-nullita taż-żwieġ bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut assenti fil-fl-4 ta' Lulju 2013 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut assenti, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.